PARTI B

**Mudell ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea ta' annimali akkwatiċi ornamentali maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa**

**PAJJIŻ:** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal kunsinja mibgħuta**

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel.Nru | I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza \| I.2.a.<br>I.3. Awtorita Centrali kompetenti<br>I.4. Awtorita lokali kompetenti |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodici Postali<br>Tel.Nru | I.6. |
| I.7. Pajjiz ta' origini Kodici ISO \| I.8. Regjun ta' origini Kodici | I.9. Pajjiz ta' destinazzjoni Kodici ISO \| I.10. Regjun ta' destinazzjoni Kodici |
| I.11. Pajjiz ta' origini<br>Isem Numru approvat<br>Indirizz<br>Isem Numru approvat<br>Indirizz<br>Isem Numru approvat<br>Indirizz | I.12. |
| I.13. Post ta' tghabija<br>Indirizz Numru approvat | I.14. Data ta' tluq hin ta' tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi Dokumentarji: | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. Nru.(Nri) tas-CITES |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN)<br>I.20. Kwantita |
| I.21. | I.22. Numru ta' pakketti |
| I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' sigill | I.24. |
| I.25. Prodotti ċċertifikati<br>Pets ☐ Kwarantina ☐ Cirku/Ezibizzjoni ☐ | |
| I.26. | I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐ |
| I.28.Identifikazzjoni tal-prodotti<br>Speċi (Isem xjentifiku) Kwantità | |

**PAJJIŻ**

**Annimali akkwatiċi ornamentali maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Ċertifikazzjoni tas-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

II.1 **Rekwiżiti ġenerali**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-annimali akkwatiċi ornamentali msemmija fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 ġew spezzjonati fi żmien 72 siegħa mit-tagħbija, u ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard;

II.1.2 mhuma soġġetti għall-ebda projbizzjoni minħabba żieda mhux spjegata ta' mortalità; u

II.1.3 mhumiex maħsuba għal qerda jew tbiċċir għall-qerda tal-mard.

II.2 (1)(2)(3)(4)**[Rekwiżiti għal speċi suxxettibbli għas-Sindromu ulċerativ epiżotiku (EUS), Nekrosi ematopojetika epiżotika (EHN), Bonamia exitiosa, Perkinsus marinus, Mikrocytos mackini, is-Sindromu Taura u/jew il-Marda Yellowhead**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-annimali akkwatiċi ornamentali msemmija hawn fuq:

*jew* (1)(5)[joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa minn (1)(3)[EUS] (1)[EHN] (1)[Bonamia exitiosa] (1)[Perkinsus marinus] (1)[Mikrocytos mackini] (1)[Is-Sindromu Taura] (1)[Il-Marda Yellowhead] skont il-Kapitolu VII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE jew l-Istandard OIE rilevanti mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-oriġini, u

(i) fejn il-mard rilevanti huwa notifikabbli lill-awtorità kompetenti u r-rapporti ta' suspetti ta' infezzjoni tal-mard rilevanti għandhom jiġu investigati immedjatament mill-awtorità kompetenti;

(ii) id-dħul kollu ta' speċi suxxettibbli għall-mard rilevanti ġej minn żona ddikjarata ħielsa mill-mard; u

(iii) speċi suxxettibbli għall-mard rilevanti mhumiex imlaqqma kontra l-mard rilevanti];

*jew* (1)(4)(5)[kienu soġġetti għal kwarantina skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/946/KE].**]**

II.3 (1)(2)(4)**[Rekwiżiti għal speċi suxxettibbli għas-Settiċemija emorraġika virali (VHS), Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN), Anemija infettiva tas-salamun (ISA), Vajrus tal-erpete tal-koi (KHV), Marteilia refringens, Bonamia ostreae, u/jew il-Marda tat-tikka bajda maħsuba għal Stat Membru, zona jew kompartiment iddikjarati ħielsa mill-mard jew soġġetti għal programm ta' sorveljanza jew qerda għall-mard rilevanti**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-annimali akkwatiċi ornamentali msemmija hawn fuq:

*jew* (1)(6)[joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa minn (1)[VHS] (1)[IHN] (1)[ISA] (1)[KHV] (1)[Marteilia refringens] (1)[Bonamia ostreae] (1)[Il-Marda tat-tikka bajda] skont il-Kapitolu VII tad-Direttiva 2006/88/KE jew l-Istandard OIE rilevanti mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-oriġini, u

(i) fejn il-mard rilevanti huwa notifikabbli lill-awtorità kompetenti u r-rapporti ta' suspetti ta' infezzjoni tal-mard rilevanti għandhom jiġu investigati immedjatament mill-awtorità kompetenti,

(ii) id-dħul kollu ta' speċi suxxettibbli għall-mard rilevanti ġej kollu minn żona ddikjarata ħielsa mill-marda; u

(iii) speċi suxxettibbli għall-mard rilevanti mhumiex imlaqqma kontra l-mard rilevanti]

*jew* (1)(4)(6)[kienu soġġetti għal kwarantina skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/946/KE].**]**

II.4 **Ġarr u rekwiżiti għall-ittikkettar**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li:

II.4.1 l-annimali akkwatiċi ornamentali msemmija hawn fuq jinsabu taħt kundizzjonijiet, inkluża l-kwalità tal-ilma, li ma jibdlux l-istat tas-saħħa tagħhom;

II.4.2 ir-reċipjent tal-ġarr kien nadif u ddiżinfettat jew ma ntużax qabel; u

II.4.3 il-kunsinna hija identifikata b'tikketta li tinqara fuq in-naħa ta' barra tar-reċipjent bit-tagħrif rilevanti msemmi fil-kaxxi I.7 sa I.13 tal-Part I ta' dan iċ-ċertifikat, u d-dikjarazzjoni li ġejja:

*jew* (1)**["Ħut]** (1)**[Molluski]** (1)**[Krustaċji]** (1)**[Ornamentali] maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa fil-Komunità"]**

*jew* (1)(3)**["Ħut** (1)**[Molluski]** (1)**[molluscs]** (1)**[Krustaċji] Ornamentali maħsuba għal kwarantina fil-Komunità"]**.

II.5 (1)(7)**[Garanziji addizzjonali għal speċi suxxettibbli għal Viremija tar-rebbiegħa tal-karpjuni (SVC), Mard tal-fwied batteriku (BKD), Vajrus tan-Nekrożi Pankreatika Infettiva (IPN) u Infezzjoni bil-Gyrodactylus salaris (GS)**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-annimali akkwatiċi ornamentali msemmija hawn fuq:

*jew* (1)[joriġinaw minn pajjiż/territorju, żona, kompartiment jew farm fejn l-ebda speċi suxxettibbli għal (1)[SVC] (1)[BKD] (1)[IPN] (1)[GS] mhu magħruf li hija preżenti]

*jew* (1)[joriġinaw minn pajjiż/territorji, żona, kompartiment jew farm fejn (1)[SVC] (1)[BKD] (1)[IPN] (1)[GS] huma notifikabbli lill-awtorità kompetenti, u huwa meqjus ħieles skont il-leġiżlazzjoni (8)UE rilevanti]].

**PAJJIŻ** **Annimali akkwatiċi ornamentali maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa**

| II. Ċertifikazzjoni tas-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

**Noti**

**Parti I:**

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċijiet NM xierqa: 0306, 0307 jew 0301 10.

— Kaxxa I.20 u 1.28: Bħala kwantità, agħti n-numru totali.

— Kaxxa I.25: Uża l-opzjoni "Annimali domestiċi" għal annimali akkwatiċi ornamentali maħsuba għal ħwienet tal-annimali jew negozji simili għall-bejgħ, "Ċirklu/wirja" għal annimali akkwatiċi ornamentali maħsuba għal akkwarji tal-wirjiet jew negozji simili mhux għall-bejgħ u "Kwarantina" jekk l-annimali akkwatiċi ornamentali huma maħsuba għal faċilità ta' kwarantina.

**Parti II:**

(1) Żomm kif japplika.

(2) Parti II.2 u II.3 ta' dan iċ-ċertifikat tapplika biss għal speċi suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard imsemmi fit-titolu. Speċi suxxettibbli huma elenkati fil-Part II tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE.

(3) Ir-rekwiżiti fil-Parti II.2 ta' dan iċ-ċertifikat dwar annimali akkwatiċi ornamentali suxxettibbli għas-Sindromu epiżotiku ulċerattiv (EUS) fir-rigward ta' dik il-marda stabbilita għandhom japplikaw biss mill-1 ta' Jannar 2011 u sa dik id-data r-referenza għal EUS għandha titħassar.

(4) Kunsinni ta' annimali akkwatiċi ornamentali jistgħu jiġu impurtati minkejja r-rekwiżiti fil-Parti II.2 u II.3 jekk ikunu maħsuba għal faċilità ta' kwarantina li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/946/KE.

(5) Biex ikun awtorizzat id-dħul fil-Komunità, waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet għandha tinżamm jekk il-kunsinni jinkludu speċi suxxettibbli għal EUS (ara nota 3), EHN, Bonamia exitiosa, Perkinsus marinus, Mikrocytos mackini, is-Sindromu Taura u/jew il-Marda Yellowhead.

(6) Biex ikun awtorizzat id-dħul fi Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa minn VHS, IHN, ISA, KHV, Marteilia refringens, Bonamia ostreae, jew il-Marda tat-tikka bajda jew bi programm ta' sorveljanza jew qerda stabbilit skont l-Artikolu 44(1) jew (2) tad-Direttiva 2006/88/KE, waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet għandha tinżamm jekk il-kunsinna tinkludi speċi suxxettibbli għall-mard(a) li għalih(a) programm(i) ta' ħelsien mill-mard jew ta' sorveljanza jew qerda tal-mard japplika(aw). Data dwar l-istatus tal-mard f'partijiet differenti tal-Komunità hija aċċessibbli fuq http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/aquaculture/index_en.htm

(7) Parti II.5 ta' dan iċ-ċertifikat tapplika biss għal kunsinni maħsuba għal Stat Membru, żona jew kompartiment approvati bħala ħielsa minn SVC, BKD, IPN jew GS, jew bi programm ta' kontroll u qerda fir-rigward ta' waħda jew aktar minn dan il-mard approvat skont id-Deċiżjoni 2004/453/KE, u l-kunsinna tinkludi speċi suxxettibbli għall-mard li għalih japplika status ta' ħelsien jew programm(i) ta' kontroll jew qerda. Speċi suxxettibbli huma speċi msemmija bħala tali fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2004/453/KE jew fl-aktar edizzjoni riċenti tal-kodiċi internazzjonali tal-OIE dwar is-saħħa tal-annimali akkwatiċi u/jew il-Manwal tal-OIE għat-testijiet dijanjostiċi għal annimali akkwatiċi.

(8) Ħelsien skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2004/453/KE. Fir-rigward ta' SVC, BKD u IPN, ħelsien skont l-edizzjoni l-aktar riċenti tal-Kodiċi u l-Manwal tal-OIE huwa wkoll rikonoxxut.

Spettur uffiċjali:

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru